**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' Frar, 2016

Rikors Guramentat numru : 401/09 AL

**A B**

**vs**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-kontendenti kienu zzewgu fit-13 ta' Settembru, 1959;

Illi minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt (2) itfal li llum huma maggorenni;

Illi ghandu jirrizulta li l-konvenut hu hati ta' eccessi, sevizzi, mohqrija, ingurji gravi kif ukoll swat tant li hemm inkompatibilita bejn il-partijiet, tant li z-zwieg ta' bejniethom tkisser

irrrimedabilment;

Illi di piu', il-partijiet ilhom de facto separati ghal dawn l-ahhar tlett (3) snin cirka tant li qed jghixu separatament minn xulxin;

Illi l-esponenta giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni legali f'dawn il-proceduri in forza tad-digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) li jgib id-data 2 ta' Dicembru 2009 b'digriet numru 1860/09 Dok 'A';

Illi peress li l-fatti kontenuti fil-premessi huma maghrufa personalment lill-istess esponent di xjenza proprja;

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex ghal ragunijiet premessi :

a. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti konjugi u dana ghal ragunijiet premessi imputabbli lill-konvenut;
b. Tapplika kontra l-konvenut interament id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 et seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
c. Tiddikjara xolta l-kommunjoni ta l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet;
d. Tillikwida l-effetti kollha ta' l-istess kommunjoni u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-kommunjoni ta' l-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet mhux necessarment ugwali b'tali mod li l-intimat jitlef ukoll bhala konsegwenza kull jedd Ii ghandu fuq in-nofs ta' l-akkwisti li saru waqt iz-zwieg imma partikolarment bil-hidma ta' l-esponenta liema zewg porzjoijiet ghadhom jigu assenjati skont kif jigi deciz u dana kollu okkorrendo permezz ta' periti nominandi;
e. Tordna li ssir divizjoni ta' l-assi tal-kommunjoni kif likwidati mill-Qorti;
f. Tordna li l-intimat ihallas manteniment lill-esponenta u tikkundanna wkoll lill-intimat ihallas dak il-manteniment li dina il-Qorti taghzel li takkorda f'dan ir-rigward;
g. Tikkundanna l-intimat jikkonsenja lill-esponenta l-beni kollha parafernali ta' l-esponenta u separatament l-esponenta tigi moghtija l-piena amministrazzjoni tal-beni

taghha. Illi fin-nuqqas tikkundannah ihallas is-somma li tigi hekk likwidata rapprezentanti l-istess proprjeta' parafernali;

h. Tiddikjara li l-proprjeta' kollha, partikolarment imma mhux esklussivament id-dar matrimonjali tigi assenjata u b'hekk okkupata mill-esponenta ad eskluzzjoni ta' l-intimat iktar u iktar minhabba t-tortijiet imputabbli lill-istess intimat;
i. Tordna li ssir id-divizzjoni ta' l-assi u tinnomina nutar pubbliku sabiex jircievu l-att pubbliku relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;
j. Tordna r-registrazzjoni tas-sentenza tas-separazzjoni fir-Registru Pubbliku ta' Malta a tenur ta' l-artikolu 62 A Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa hu ngunt personalment biex jidher ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi m'ghandux oggezzjonijiet ghat-talbiet a, c, e, i u j;
2. Illi rigward responsabbilita l-esponent jecepixxi li z-zwieg tkisser irremedjibbilment tort ta' l-attrici peress illi kienet il-hin kollu tiggieled mieghu u anke f'xi drabi uzat vjolenza fizika fuqu apparti sevizji, ingurji gravi eccessi u mohqrija kif ukoll minhabba nkompatibilita ta' karattru attribwibbli kollha lill-attrici;
3. Illi l-mara mhijiex intitolata ghall-ebda manteniment peress illi ghandha l-pensjoni taghha u dhul iehor;
4. Illi m'ghandhomx japplikaw fil-konfront tieghu artikoli 48 et seq. izda jekk dawn ghandhom japplikaw ghandhom japplikaw fil-konfront ta' l-attrici;
5. Illi l-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi likwidata u diviza minn din il-Qorti u minnha l-konvenut ghandu jithallas il-flus li hareg biex ghamel benefikati fil-fond matrimonali proprjeta parafernali tal-attrici;

Salvi eccezzjonijiet ohra ulterjuri permessi mill-ligi;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut ;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum ;

Ikkunsidrat :

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna, l-attrici qeghda titlob li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-hajja konjugali m'ghandhiex aktar possibbli ghal ragunijiet unikament attribwibbli lill-konvenut, fit-termini ta' l-artikoli 39 u 20 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll peress li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment; Inoltre l-attrici qed titlob li din il-Qorti timponi fuq il-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 48 *et seq* tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Min-naha tieghu, il-konvenut jaqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni persnali bejn il-partijiet, b'dan li din il-Qorti ghandha tattribwixxi t-tort tas-separazzjoni unikament lill-attrici.

Il-partijiet izzewgu fit-13 ta' Settembru 1959 u minn dan iz-zwieg twieldu zewegt itfal li lkoll huma maggorrenni.

## Verzjoni ta' l-attrici

L-attiri tixhed permezz ta' affidavit[1] u titkellem fit-tul dwar il-hajja konjugali mal-konvenut. Il-partijiet ilhom mizzewgin ghal dawn l-

[1] Ezebit a fol 28 tal-process

ahhar hamsin sena. Fis-sena 1986 il-konvenut gie *boarded out*, u din affetwatu hazin hafna, l-attrici kellha hanut f'isimha, izda l-konvenut ma bediex jimpurtah mill-impenji taghha, u beda jissuggerilha li taghlaq, minkejja li l-hanut kien jipprovdi qliegh sostanzjali. L-iskuza tieghu kienet biex l-attrici tibda tistrieh wara hamsa u ghoxrin sena. Hi iddecidiet li taghlaq il-hanut biex tikkuntentah, izda l-konvenut beda jzomm kontroll ta' kemm jaghtiha flus ghall-hajja. Ghalhekk il-partijiet bdew jiggieldu minhabba dan, il-konvenut kien jitlobha wkoll l-ircevuti biex jara xi tkun nefqet. Hi tghid li saret taf li l-konvenut dahak biha meta kien qalilha biex taghlaq il-hanut, ghaliex skont hu hi ma kenitx intitolata ghall-pensjoni jekk il-hanut jibqa' miftuh. L-attrici tkompli tghid li kien imur jara lil ommu d-dar ta' l-anzjani u kien jgib mieghu l-hobz li kien jiehu minn hemm biex jieklu hu, u ghaliha dan kien agir inaccettabbli. Il-konvenut kien jipprova jikkontrolla l-finanzji imma fejn jidhirlu kien ikollu flus, u dan peress li ma kienx isib diffikulta biex jixtri mill-inqas flixkun inbid kuljum, u l-flus kien jahbihom billi jwahhalhom taht is-siggu. Darba l-*washing machine* bdiet tixxokkja u l-konvenut issuggerixxa li l-attrici tilbes zarbun tal-lastiku u f'okkazjoni ohra, il-konvenut iddecieda li jkisser il-gwardarobba bil-konsegwenza li tefa' l-hwejjeg kollha ma' l-art. Kien jghajjar lill-attrici, sahansitra jghidilha li kellha *cancer*, f'okkazjoni ohra ghamlilha l-fan ma' wiccha. L-attrici zzid tghid li l-konvenut ma riedx li hi ssuq il-karozza u kien inehhi n-*number plates*. Dan apparti l-fatt li l-konvenut kien johrog filghodu u jirritorna filghaxija. L-attrici tghid li l-konvenut kien jerfa' jdejh fuqha u kien jaghtiha fuq sidirha u darba tilifha minn sensiha. Kien jghid li kien moqdi wkoll. Darba mar ghand psikjatra u l-konvenut spicca iggieled mieghu wkoll. L-attrici tghid li l-konvenut ihobb l-attenzjoni u meta riedet tbajjad il-post ta' San Pawl biddel ic-cavetta tal-post u kien jiftah it-twieqi meta kienu jargumentaw biex in-nies jisimghu kollox. L-attrici tghid li l-konvenut kien jaqleb il-platt ghalih u jiekol wahdu u kien jigbed il-friex u jorqod ghalih wahdu u llum il-gurnata jghix wahdu San Pawl il-Bahar.

Hi tghid li l-konvenut qatt ma habb lit-tifel taghhom u kien jurih disapprovazzjoni u dejjem wera preferenza ghat-tifla tal-partijiet, u li qed tappoggjah u mhux izzomm il-kwiet bejniethom u skont hi, dan qed taghmlu ghar-ragunijiet egoistici taghha.

L-attrici terga' tixhed fl-20 ta' Settembru 2012 *viva voce*[2] u tghid li l-partijiet akkwistaw bejniethom:

1. Garage gewwa Lyceum Avenue, Hamrun;
2. Garage gewwa Tria Kanonku Bonnici, Hamrun;
3. Garage iehor hdejn l-Odeon, Triq id-Duluri, Hamrun;
4. Terran gewwa Aristarkus Street, San Pawl il-Bahar fejn jghix il-konvenut;
5. Garage fi Triq Aristarku, San Pawl il-Bahar li huwa adjacenti mal-post li hawn fuq indikat izda ma jinfidx;
6. Terran f'Bahar ic-Caghaq fi Triq Palm Beach jishmu "My Rest";
7. Karozza Opel Nova li tinsab go garaxx u m'ghandhiex plates.

Hi zzid tghid li l-kontijiet tal-bank inqasmu kollha nofs bin-nofs u li l-post St John, Triq l-Ursolini, Gwardamangia huwa parafernali taghha u hi tuzah bhala r-residenza taghha u l-hanut Marvel Conception Street, Hamrun wirtitu u bhal issa huwa vojt.

L-attrici terga' tixhed fit-13 ta' Novembru 2012 *viva voce*[3] u tghid li hija tircievi pensjoni, peress li kienet tahdem u din tammonta ghal €300 kull erba' gimghat. Tghid li r-ragel taghha qatt ma taha sodisfazzjon xi dhul ghandu, taf li ghandu zewg pensjonijiet, wahda tat-tezor li kienet Lm88 u ohra tax-xoghol li ma tafx kemm hi. Il-flus li kellhom bejniethom qasmuhom kif ukoll l-ishma li kellhom investiti mal-BOV. Mill-propjeta' ghandhom dhul mill-garage, wiehed li huwa mikri lil certu

[2] A fol 47 tal-process
[3] A fol 52 tal-process

Charlie li huwa mechanic li qieghed f'Lyceum Avenue, l-Hamrun, u l-propjetajiet l-ohra huma vojta. Charlie jhallas €140 fix-xahar. Hi tghid li peress li l-konvenut kien jghaddilha manteniment imbaghad waqaf, il-kera minn dan il-fond izzommha kollha hi, ilha ghaddejja hekk sittax-il sena. L-attrici zzid tghid li qatt ma kien hemm ordni tal-Qorti biex il-konvenut jghaddilha xi manteniment, izda ma taqbilx li hi qalet lil zewgha biex jitlaq u ma kenitx taf li telaq. Tghid li l-konvenut nehha l-plates tal-karozza u hadha bit-towing u kemm ilhom mifrudin, fl-ahhar sittax-il sena ma kriet l-ebda garaxx jew hanut.

**Verzjoni tal-konvenut**

Il-konvenut jixhed permezz ta' affidavit[4] u jikkuntradixxi dak kollu li qalet l-attrici fl-affidavit taghha. Hu jghid li qatt ma ried li jissepara minn ma' martu u kienet hi li riedet tissepara. Hu jghid li ried jipprova jsalva z-zwieg u rrikorra ghand diversi medjaturi u fil-fatt isemmihom. Hu jghid li meta gie *boarded out* minhabba ragunijiet ta' sahha, xtaq xorta wahda li jkompli bl-obbligi tieghu taz-zwieg, izda l-mara ma rieditx ikollha x'taqsam mieghu aktar u bdiet tohloq hafna skuzi. Jghid li l-attrici keccietu mill-kamra tas-sodda u ghamel hmistax-il sena jghix fil-kamra tal-bejt fejn ma kellux facilitajiet sanitarji. Kien jorqod u jghix f'kamra b'saqaf tal-pjanci, b'dan li hu xorta baqa' jixtieq jirranga, imma l-attrici ma riditx. Il-konvenut jghid li ma kienx hu li skoraggiha milli tkompli bil-hanut u dan peress li meta kien imur biex jghinha, hi kienet tirrabja u titlaq il-barra, u peress li l-attrici bdiet timpika, rat kif ghamlet u giet *boarded out* hi ukoll u bdiet tircievi pensjoni. Peress li l-partijiet kellhom zewg pensjonijiet, ftehmu li l-flus ipogguhom fl-istess kexxun pero' l-attrici qatt ma kienet titfa' l-pensjoni taghha u kienet tiddepozitaha l-bank, b'dan li kienet tiehu l-flus mill-pensjoni tieghu, dan sar jafu peress li l-bank beda jibghat il-korrispondenza fl-indirizz tat-tifla

[4] Ezebit a fol 66 tal-process

tal-partijiet. Hu jghid li mhux minnu li kien igib xi hobz xott minghand ommu u dan peress li kien imur jara lil ommu u kien jixtri l-ingredjenti u jsajjar lil ommu hu, u billi gieli kien isajjar xi haga, kien igib l-affarijiet id-dar. Il-konvenut jghid li kien totalment dominat mill-attrici u kien lest jaghmel is-sagrificcji biex isalva z-zwieg. Il-konvenut jghid li minkejja li safa mkecci mid-dar, xorta kien ihallas Lm40 fil-gimgha biex l-attrici jkollha l-flus biex thallas id-dawl, l-ilma u l-licenzja tat-tv, minkejja li hu qatt ma kellu access ghat-tv. Il-konvenut jghid li l-attrici firdet id-dar mill-kamra tal-bejt billi kienet ghamlet firroll biex il-konvenut ma jkunx jista' jinzel id-dar, pero' hi setghet titla fil-kamra tal-bejt u tiehu li trid, u meta ma kienx ikun hemm kienet titla' tfittex fuq, u fil-fatt hu kien ghamel xi flus taht is-siggu b'dan li hi sabithom u hadithom minkejja li kien jaghtiha l-flus. Rigward il-*washing machine,* il-konvenut jghid li din ma kellhiex *earth* u hu kien ghamel l-*earth* ghaliex kieku kienet tixxokkja u l-attrici setghet tmut. Dwar l-episodju tal-gwardarobba, l-konvenut jghid li l-attrici kienet tghid li hu jonhor u kienet tixghel id-dawl u t-tv full biex tqajmu. Darba nhasad u kif nizel mis-sodda, zelaq u qabad mal-*handle* tal-gwardarobba u l-bieba nqalghet. Hu kellu jmur jorqod fis-salott izda l-ghada qam u sewwa l-gwardarobba. Il-konvenut jixhed li rigward il-karozza u jghid li kien hu li hallsilha biex iggib il-licenzja tas-sewqan izda l-attrici baqghet dejjem tibza' ssuq. Tant hu hekk, li darba marret ghand binthom u hu kellu jmur ghaliha ghax bdiet tibza' tinzel lura, u ghalhekk bdiet tahbi c-cwievet tal-karozza ghax ma riditx taccetta li ma kinitx kapaci ssuq. Hu jghid li kien hallas it-*towing* biex igibulu l-karozza San Pawl il-Bahar. Il-konvenut jghid li swat qatt ma kien hemm, anzi kienet l-attrici li tmur biex tigirfu, izda hu dejjem kien izommilha jdejha, izda darba kien qieghed isajjar, giet fuqu u hatfitlu s-sikkina u tatu daqqa ta' sikkina fuq zaqqu. Hu u sejjer l-ghassa, rega' dar lura d-dar ghax kien ihobb lil martu. Dwar dak li qalet l-attrici li hu kien jghid li kellha kancer, jichad. Il-konvenut jghid li mhux veru li kien moqdi ghaliex

kieku ma kienx jghix hmistax-il sena wahdu fil-kamra tal-bejt, li kieku kien ifittex kumpanija ohra.

Hu xehed illi l-atirici kellha bzonn taghmel operazzjoni u l-konvenut kien imur kuljum jaraha l-isptar u jehdilha l-brodu u hi kienet talbitu jirritorna d-dar. Izda kif nizel mill-kamra tal-bejt, qaltlu biex jorqod fuq is-sufan, allura kellu jerga' jmur fil-kamra tal-bejt. Il-konvenut jghid li hu safa mkecci mill-kamra tas-sodda, ghaliex kienet tghid li jonhor u ma riditx izjed ikollha x'taqsam mieghu. Izid ighid li kellu jitlaq San Pawl peress li fit-8.30pm l-attrici kienet titfi l-*main* tad-dawl u ghalhekk kien jispicca fid-dlam.

Rigward it-tfal, il-konvenut jghid li mhux minnu li jippreferi t-tifla u dan peress li lil ibnu dejjem ghenu u sellfu l-flus u ghamillu hafna xoghol fid-dar. Li gara kien illi t-tifla bdiet thoss ghalih u tissapportjah psikologikament.

Dwar il-komunjoni ta' l-akkwisti, l-konvenut jghid li ghandhom:

My Rest House, Triq il-Palma, Bahar ic-Caghaq,Garage no5, Triq id-Dulur, Sqaq nru 1, Hamrun,Ground floor flat, JoeSylv, San Aristarku Street, San Pawl il-Bahar,Garage, GraceJan, San Aristarku Street, San Pawl il-Bahar,Garage 11, Lyceum Avenue, Hamrun, Plot 11A ma' garage numru 11, Triq is-Sikka, Bahar ic-Caghaq,Garage 66, Triq il-Kanonku Bonnici, Hamrun,Garage 11, Triq is-Sikka, Bahar ic-Caghaq, spejjez ta' €4658 li hu ghamel fuq ir-residenza tal-mara, is-somma ta' €2329 li ntefqu biex jigi irrangat il-hanut, il-kirja tal-garaxx Lyceum Street B'kara b'kera ta' Lm2 kuljum ghal 10 snin li zammithom kollha l-attrici u ghandhom jinqasmu. L-ammont ta' €17,004 li irid jinqasam, kera tal-hanut ta' Triq il-Kuncizzjoni b'kera ta' €23 kuljum ghal sentejn li zammithom l-attrici fl-ammont ta' €16,790.

Izid jghid li l-attrici m'hix intitolata ghall-manteniment u dan peress li hi tircievi pensjoni wkoll.

Jerga' jixhed il-konvenut in kontro-ezami[5] u jzid jghid li l-genituri tal-attrici kienu jghixu fir-residenza taghhom, b'dan li missier l-attrici kien ghaddielhom maisonette bil-kera u hemmhekk kienu rabbew lil uliedhom. Ghal hmistax-il sena, huwa ghex fil-kamra tal-bejt ta' dan il-post. Dan il-post kien fih biss zewgt ikmamar u ghalhekk huwa ghamel l-ispejjez ghaliex ma setghux jghixu f'zewgt ikmamar biss u qasamhom bil-partition sabiex gew erbat ikmamar. Meta ghadda z-zmien, kien tella' zewgt ikmamar u f'wahda minn dawn ghex ghal perjodu ta' zmien u dan kien meta kienu irrangaw bl-avukat biex izommu l-paci. Hu kien jghix fuq u hi tghix isfel, u biex jaqdi l-bzonnijiet tieghu kien ikollu johrog mill-kamra u juza kamra msaqqfa biss bil-pjanci bhala saqaf. Huwa kien ihoss li l-attrici kellha taqleb l-ikel lilu l-ewwel, mhux lit-tifel kif kienet taghmel, u kien jiehu l-platt u jitla' l-fuq u dan peress li t-tifel kien jirrabja u jsabbat u gieli kisser xi fanal peress li kien ikun irid jigi servut l-ewwel hu.

Il-konvenut rega' xehed fit-8 t'April 2014[6] u jghid li t-tifla tal-partijiet Grace ghandha villegatura San Pawl il-Bahar u ta prokura lit-tifla biex tirraprezenta l-interessi tieghu. Hu jghid li ghandu *telecare* u jekk jinqala' xi haga jcempel lil bitnu. Huwa jghid li l-*business* li kellhom il-partijiet kien joholqu hu billi jixtri l-affarijiet minghand l-agent u l-mara tieghu kienet tiehu hsieb tbiegh, u huma kienu ferhanin b'dan il-business u dan peress li kienu jsiefru darbtejn fis-sena. Hu jghid li hu kien iforni l-hanut billi kien imur jixtri minghand l-agenti. Jzid li l-attrici kienet tahdem u taghmel id-dover taghha u tirsisti, anke meta kienet tqila, u jghid li f'certu hin kienet titlaq biex tibda ssajjar u hu kien jibqa' fil-hanut u jdum biex jirranga l-vetrina u l-prezzijiet u l-

[5] A fol 106 tal-process, xhieda datata 10 ta' Dicembru 2013
[6] A fol 113 tal-process

accounts, u l-flus tal-hanut kien jiehu hsiebhom hu, pero l-attrici kienet tiehu pjacir tghaddilu somma flus bhala qliegh u kienu jiddepozitaw kollox il-bank. Huma xtraw diversi propjetajiet u kienu jdahhlu xi kirjiet minnhom li kienu jiddepozitawhom il-bank. Hu jikkonferma li gie *boarded out* minhabba ragunijiet ta' sahha u sussegwentement kien ghalaq il-hanut biex ikun jista' jiehu l-pensjoni. Huwa jghid li kienu sabu l-kirja tal-hanut b'erba' liri kuljum izda thajjar li jiehdu binhom u ghalhekk kompla jiggestixxi l-hanut hu.

## Il-provi migbura

Il-konvenut ipprezenta diversi dokumenti li huma stimi u valuri tal-fondi li huma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti, liema stimi saru mill-Perit Edgar Caruana Montaldo:

Dok JS1[7] – My Rest House, Palm Street, Bahar ic-Caghaq li tiswa Lm70,000,
Dok JS2[8] – Garage no 15, Triq id-Duluri, Sqaq no 1, Hamrun li jiswa Lm25,000,
Dok JS3[9] – Ground Floor Flat, JoeSylv, San Aristarku Street, San Pawl il-Bahar li jiswa' Lm30,000,
Dok JS4[10] – Garage GraceJan, San Aristarku Street, San Pawl il-Bahar li jiswa' Lm30,000,
Dok JS5[11] – Garage no 11, in internal Drive Leading to Lyceum Avenue, Hamrun li jiswa Lm14,000,
Dok JS6[12] – Plot 11A adjacent to garage no 11 in drive-in accessed from No 19, Triq is-Sikka, Bahar ic-Caghaq li jiswa Lm4,000,

---

[7] Ezebit a fol 73 tal-process
[8] Ezebit a fol 74 tal-process
[9] Ezebit a fol 75 tal-process
[10] Ezebit a fol 76 tal-process
[11] Ezebit a fol 77 tal-process
[12] Ezebit a fol 78 tal-process

Dok JS7[13] – Garage 66, Triq il-Kanonku Bonnici, Hamrun li jiswa', Lm15,000,
Dok JS8[14] – Ground Floor Garage no 11, and backyard in drive-in accessed from no 19, Triq is-Sikka, Bahar ic-Caghaq.

Illi tixhed permezz ta' affidavit bint il-partijiet[15], Mary Grace Calleja li tghid li l-inwkiet bejn il-partijiet beda xi 29 sena ilu ftit wara li hi zzewget. Meta giet mis-safar, wara xi erba' xhur mizzewga, marret ghand ommha u sabet lil missierha li kien qed jorqod fil-kamra tal-bejt li ma kenitx addattata biex jghixu n-nies fiha. Meta staqsiet lil ommha ghalfejn kienet baghtitu jorqod hemm, din qaltilha li kien jonhor, kellu halqu jinten u jiccaqlaq. Maz-zmien beda jsajjar wahdu f'din il-kamra u kien jahsel il-hwejjeg b'idejh, peress li ma kienx jithalla juza' l-magna tal-hasil. Meta x-xhud kienet tistaqsi lil missierha fuq il-problema tal-flus, kien jichad li ma kienx jaghti flus lill-attrici. Hi tghid li l-konvenut kien jahdem ghandha u kien jghidilha li l-attrici kienet tehodlu l-flus u li dejjem isib il-flus neqsin sakemm hadithom kollha, tant li darba ma kellux flus biex jixtri l-viti ghall-kcina tieghu u x-xhud marret u xtrathom hi. L-attrici darba cemplitilha ghaliex kienet qeghda l-bank u riedet li hi taghtiha l-indirizz taghha, b'dan li bdiet tircievi l-ittri d-dar taghha mill-bank fuq isem ommha, l-attrici kienet tirrifjuta li tmur ghalihom ghax kien ikun hemm il-konvenut ghand ix-xhud jahdem. L-attrici qaltilha li kellha l-flus il-bank u ma riditx li l-konvenut isir jaf bihom. Ir-ragel tax-xhud informa lill-konvenut b'dan u l-attrici bdiet tiggieled max-xhud, b'dan li bdiet tghidlha li se tpattihielha. Minn dak in-nhar ix-xhud u l-attrici ma tkellmux izjed. Il-konvenut qal lix-xhud b'diversi affarijiet li kien qieghed jghaddi minnhom fid-dar. Hi tghid li l-attrici kellha access mid-dar matrimonjali ghall-kamra tal-bejt fejn kien jghix il-konvenut u kienet issakkarlu l-firroll biex ma jkunx jista' jinzel id-dar, il-konvenut kien marad u

[13] Ezebit a fol 79 tal-process
[14] Ezebit a fol 80 tal-process
[15] Ezebit a fol 94 tal-process

cempel lix-xhud u qalilha li kien marid hafna, u l-attrici kienet tqabbad il-magna tal-hasil b'hafna storbju fejn rasu, peress li s-sodda tieghu kienet qrib din il-magna, u peress li ma kellux x'jiekol kienet tippreparalu x-xhud, u meta ix-xhud talbet lil ommha biex tifthilha, qaltilha biex tghid lill-konvenut, meta dan kien marid u ma setax iqum. Hi tghid li missierha ghamel minn kollox biex jirranga ma' ommha, u dan peress li hu ragel religjuz u twajjeb, izda l-attrici dejjem riedet is-separazzjoni.

Ix-xhud tkompli tixhed in kontro-ezami nhar l-14 t'Ottubru 2015[16] u tghid li l-problemi bejn il-genituri taghha bdew fuq il-flus wara li ghalqet il-hanut l-attrici, u tikkonferma li l-attrici kienet tipprovdi ghall-familja ghaliex il-konvenut kien pensjonant, izda missierha kien imur igib ix-xoghol ghall-hanut, u dan tafu ghaliex kienet tmur mieghu hi, apparti li gieli qaghad il-hanut. Missierha spicca fuq il-bejt ghaliex il-partijiet bdew jinfirdu peress illi l-attrici kienet tgerger li dejjem hi fil-kcina, u peress li missierha kien jaf isajjar, daqqa kien isajjar wiehed u daqqa l-ohra, izda meta kien isajjar il-konvenut, l-attrici kienet tgerger ghal kif ikun sajjar, allura certu affarijiet kien jaqbad u jsajjarhom fuq, ghaliex fuq kellu gas cooker. Ix-xhud tghid li l-attrici kienet tgerger, l-ewwel bdiet bit-tisjir imbaghad beda l-inhir, ghax jiccaqlaq fis-sodda, ghaliex halqu jinten u ghalkiex kien jikxifha. Hi tghid li c-cirkostanzi wassluh biex imur jghix fuq il-bejt, b'dan li l-attrici kienet tghid lill-konvenut biex jitlaq il-barra ghax id-dar hija taghha. Ix-xhud tikkonferma li l-konvenut bena zewgt ikmamar fuq, u li hu ghamel kollox f'din id-dar. Hi tghid li qabel kienu jsajru fuq flok fil-kcina ta' isfel, izda wara l-konvenut ghamilha kamra tas-sodda u beda jorqod hemm. Meta gie suggerit lix-xhud jekk ghandhiex interess personali li tkun difficli f'dawn il-proceduri peress li ghandha prokura, hi tichad. Ix-xhud izzid tghid li missierha mar joqghod San Pawl il-Bahar minhabba li, wara zmien li l-konvenut kien ilu jghix fil-kamra tal-

[16] Ara fol 125 tal-process

bejt, l-attrici qalet lill-konvenut jidhol lura d-dar u l-attrici ma hallietux jorqod fil-kamra tas-sodda, b'dan li kellu joqghod fis-salott sakemm irrangat id-dar u meta kienet gejja habiba taghha Ingliza hadet is-sufan barra, b'dan li l-konvenut ma kellux fejn joqghod izjed.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

Illi fir-rikors guramentat taghha, l-attrici tallega li l-konvenut ghandu jigi dikjarat li huwa hati ghat-tkissir taz-zwieg bejn il-partijiet u dan minhabba mohqrija, ingurji gravi, kif ukoll swat u ghax iz-zwieg ta' bejniethom tkisser irrimedjabbilment. Il-konvenut min-naha tieghu jghid li hija l-attrici li ghandha tigi dikjarata hatja ghat-tkissir taz-zwieg, minhabba vjolenza fizika fuqu, apparti sevizzi, ingurji gravi, eccessi, mohqrija u kif ukoll minhabba inkompatibblita' ta' karattru.

Illi fl-ewwel lok il-Qorti tosserva li, ghalkemm il-verzjoni tal-konvenut issib korroborazzjoni f'xiehda ohra, senjatament dik moghtija minn bint il-partijiet, dik moghtija mill-attrici ma hi bl-ebda mod ikkorroborata. L-attrici fl-affidavit taghha tesprimi r-riservi taghha versu x-xhud li tigi bintha, izda l-Qorti ma tarax ghalfejn din ix-xhud m'ghandiex tinghata l-piz u l-kredibbilita' ki jixirqilha, wara kollox hija bint il-partijiet u allura tista' taghti iktar dawl fuq il-hajja matrimonjali tal-partijiet, tenut kont li l-Qorti ghandha quddiemha zewg verzjonijiet kompletament opposti ghal xulxin, kif wkoll peress li din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghalfejn m'ghandiex temmen lix-xhud prodotta mill-konvenut.

L-attrici tat il-verzjoni taghha ta' l-affarijiet li hija ghal kollox kontraddetta mill-konvenut. L-attrici tghid li l-konvenut kienet ghalqet il-hanut biex tikkuntenta lill-konvenut, u l-problemi fiz-zwieg bdew minn hemm. Dan jikkonfermawh ukoll bint il-partijiet prodotta mill-konvenut kif ukoll il-konvenut, u l-problema kienet il-flus. L-attrici tghid li l-konvenut kien xhih fil-konfront

taghha u tghid li kien jipprova jikkontrolla l-finanzi, meta min-naha l-ohra l-konvenut jghid li kienu ftehmu li jaghmlu l-flus f'kexxun wiehed u ghalhekk l-attrici dejjem kellha access ghall-flus, tant li meta kien qieghed jghix fil-kamra tal-bejt, l-attrici kienet tidhol u tehodlu l-flus ukoll. Il-Qorti tara li l-verzjoni tal-konvenut f'dan il-kaz hija iktar verosimili u dan peress li l-attrici *ex admissis* fix-xiehda taghha[17] tghid li l-konvenut kien jaghtiha l-manteniment fl-ammont ta' Lm40 fix-xahar li imbaghad waqqafhom (tikkonferma wkoll li ma kienx hemm ordni tal-Qorti) u b'hekk bdiet tithallas il-kera li kienu jdahhlu l-partijiet hi. Il-fatt li l-konvenut ittollera l-fatt illi l-attrici ghal dan iz-zmien kollu tithallas ta' kera li kienet tispetta nofsha lilu jmur kontra dak li qalet l-attrici fil-konfront tal-konvenut. Dan tikkonfermah ukoll bint il-partijiet meta tghid li kellha tixtri lill-missierha l-viti ghall-kcina tieghu ghaliex hu ma kienx ikollu flus f'idejh.

L-attrici tghid li l-konvenut kien jghajjarha, jahqarha u kien beda jghix hajja ghal rasu. Dan huwa kollu michud mill-konvenut u dan peress li l-konvenut jghid li l-attrici tant bdiet tivvinta l-iskuzi biex tbieghed lill-konvenut minnha, li eventwalment beda jghix f'kamra fuq il-bejt, fejn kien qieghed jigi msakkar mill-attrici b'firroll biex ma jkollux access ghad-dar matrimonjali. Din l-allegazzjoni fil-konfront tal-konvenut ukoll m'ghandha l-ebda fundament legali u dan peress li l-istess verzjoni tal-konvenut hija kompletament ikkorraborata minn bint il-partijiet, u fi kwalunkwe kaz, biex il-konvenut kien kostrett imur jghix ghal rasu fil-kamra tal-bejt fejn ma kienux jezistu l-kumditajiet tad-dar matrimonjali, jfisser li l-attrici kienet qeghda tirrendi l-konvivenza matrimonjali wahda li kienet insapportabbli ghal kollox.

Il-konkluzjoni ta' din il-Qorti hi li l-problemi vera bdew meta l-attrici ghalqet il-hanut, u temmen bis-shih li l-attrici tat sehemha ghall-familja specjalment fix-xoghol taghha f'dan il-hanut, izda

[17] Ara fol 53 tal-process

meta l-konvenut hareg bil-pensjoni u l-attrici ghalqet il-hanut, il-partijiet bla ma riedu bdew iqattghu iktar hin flimkien, u bdew jinqalghu l-argumenti u l-problemi. L-attrici bdiet tghid li l-konvenut kien beda jdejjaqha, daqqa ghax kien jonhor, daqqa ghax kien jiccaqlaq, daqqa ghax kellu halqu jinten u affarijiet ohra li ikkonfermaw ukoll kemm il-konvenut kif ukoll ix-xhud, bint il-partijiet. Il-Qorti tosserva li dan il-komportament ta' l-attric fil-konfront tar-ragel taghha, abitwali u fuq bazi kontinwa, kien wassal ghat-tkissir ta' dan iz-zwieg, u ghalhekk beda jirrizulta anke fi bruda fil-konfront tal-konvenut, b'mod li allura l-hajja matrimonjali saret wahda impossibbli. Minkejja dan, il-konvenut xorta accetta li jerga' jirritorna d-dar matrimonjali meda l-attrici talbitu biex jaghmel hekk izda, l-attrici ma nbidlitx fil-konfront tieghu u l-hajja matrimonjali baqghet wahda impossibbli.

Il-Qorti hawnhekk rat l-Artikolu 45 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid hekk,

*"Iżda, meta jiġi ppruvat xi fatt li minħabba fih il-konvenut seta' wkoll kieku ried jitlob il-firda, il-qorti tista' tieħu qies ta' dak il-fatt għall-finijiet tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 52."*

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jghid is-segwenti,

"*Hu mħolli wkoll f'idejn il-qorti li tiddeċidi, skont iċ- ċirkostanzi, jekk id-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 għandhomx igħoddu, f'kollox jew f'biċċa, għar-raġel u għall-mara, jew għal wieħed jew għall-oħra biss, inkella, m'għandhomx igħoddu għal ħadd minnhom, jekk il-wieħed u l-oħra jkunu ħtija ta' egħmil li jagħti lok għall-firda."*

Ghaldaqstant, il-Qorti hi tal-fehma li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irrevokabbilment tort ta' l-imgieba ta' l-attrici fil-konfront ta' zewgha l-konvenut, b'dan li hi irrendiet impossibbli l-

konvivenza matrimonjali. Dan il-komportament jikkostitwixxi ‘sevizzi’ fit-termini ta’ l-artikolu 40 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u jattira *ex lege* l-applikazzoni fl-intier tieghu ta’ l-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, u dan b’effett mill-1 ta’ Jannar 1991[18].

**<u>Dwar it-talba ghax-xoljiment tal-komunjoni ta’ l-akkwisti</u>**

Jirrizultaw diversi assi ezistenti u formanti l-komunjoni ta’ l-akkwisti bejn il-partijiet. Dawn huma:

1. My Rest House, Palm Street, Bahar ic-Caghaq,
2. Garage no 15, Triq id-Duluri, Sqaq no 1, Hamrun,
3. Ground Floor Flat, JoeSylv, San Aristarku Street, San Pawl il-Bahar,
4. Garage GraceJan, San Aristarku Street, San Pawl il-Bahar,
5. Garage no 11, in internal Drive Leading to Lyceum Avenue, Hamrun,
6. Plot 11A adjacent to garage no 11 in drive-in accessed from No 19, Triq is-Sikka, Bahar ic-Caghaq,
7. Garage 66, Triq il-Kanonku Bonnici, Hamrun,
8. Ground Floor Garage no 11, and backyard in drive-in accessed from no 19, Triq is-Sikka, Bahar ic-Caghaq u
9. Karozza Opel Nova

L-attrici tiddikjara, u l-konvenut ma joggezzjonax, li d-dar matrimonjali St. John, Triq l-Ursolini, Gwardamanga u l-hanut Marvel, Conception Street, Hamrun huma lkoll propjetajiet parafernali li wirtet hi, ghalhekk il-Qorti tiddikjara li dawn il-proprjetajiet jappartjenu b’mod esklussiv lill-attrici.

---

[18] Il-Qorti waslet ghal din id-data peress li fl-affidavit tieghu a fol 66 il-konvenut jghid li ghamel hmistax-il sena jghix f’kamra fuq il-bejt, u allura l-Qorti ghazlet is-sena minn hmistax-il sena lura mid-data ta’ l-affidavit.

Il-Qorti tosserva li l-konvenut ipprezenta stimi relattivi ghall-propjetajiet hawn fuq indikati, salv il-karozza (ara fol. 73 sa fol. 80 tal-process). Madanakollu tinnota li dawn l-istimi kollha saru fil-25 t'Awissu 2006 u ghalhekk il-fuq minn disa' snin ilu u ma jkunx gust fic-cirkostanzi li din il-Qorti tiehu dawn l-istimi bhala l-valur reali tal-lum, u ghalhekk tikkonkludi li ma jirriflettux il-valur reali tas-suq.

Il-Garaxx li jinsab f'Lyceum Street, B'Kara huwa attwalment mikri lil terzi u ghalhekk il-Qorti tordna li l-partijiet jithallsu din il-kera fi kwoti ugwali bejnethom. Ghalhekk il-Qorti tordna li malli tispicca l-kera tal-hanut lil terzi, u peress li ma tirrizultax stima ricenti ta' din il-propjeta, din il-propjeta' ghandha tigi stmata mill-Perit AIC Tancred Mifsud, li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop ghas-spejjez taz-zewg partijiet, u tordna li dan il-fond jinbiegh fuq is-suq hieles fi zmien sena, ghal prezz mhux inferjuri ghall-ammont ta' l-istima jew tal-valur konkordat bejn il-partijiet; u, fin-nuqqas, il-post jinbiegh taht l-Awtorita' tal-Qorti u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

Il-Qorti qed taghmel referenza ghall-affidavit tal-konvenut (senjatament fol 71 tal-process) senjatament fejn il-konvenut jghid li huwa ghamel spejjez ta' €4658 fuq ir-residenza parafernali tal-mara, spejjez ta' €2329 li ntefqu biex jigi irrangat il-hanut, jghid ukoll li l-attrici trid trodd lura nofs €17,004 rapprezentanti kera b'Lm2 kuljum ghal ghaxar snin tal-kirja tal-garaxx ta' Triq Lyceum, B'Kara u jghid ukoll li l-attrici trid trodd lura nofs is-somma ta'  €16,790 rapprezentanti kera b'€23 kuljum ghal sentejn tal-hanut ta' Triq il-Kuncizzjoni. Din ta' l-ahhar, ghalkemm hija propjeta' parafernali, l-kera kienet qeghda tithallas waqt li l-partijiet kienu mizzewga, ghalhekk hija formanti parti tal-komunjoni ta' l-akkwisti. Il-Qorti ma tistax ma taghtix kredibilita' lill-konvenut fir-rigward ta' dawn il-figuri, u dan fl-isfond tal-fatt li l-attrici ma talbitx lill-konvenut biex jikkorrobora dak li qieghed isostni u cioe' li hija dovuta thallas nofs l-

ammonti hawn imsemmija, u dan kif wara kollox irriteniet il-Qorti ta' l-Appell fil-kawza *Catherine Bartolo vs C Bartolo* datata 30 ta' Settembru 2011 (Rik nurmu 48/2008),

*"Illi fir-rigward tat-tielet aggravju l-appellant jissottometti illi l-ewwel Qorti qaghdet biss fuq il-kelma tal-appellata illi hija nefqet €6,988.12c ghal xiri ta' dghajsa fiz-zwieg liema somma kienet parafernali. Huwa jargumenta illi l-appellata ma gabet ebda prova fir-rigward tal-istess bhal nghidu ahna xi prova dokumentarja.*

*Fil-fehma ta' din il-Qorti jekk l-appellant kellu xi kontestazzjoni dwar l-istess flus messu esiga li l-appellata tikkorrabora dak li kienet qed issostni bi provi ohra, haga li ma ghamilx. Ghaldaqstant fin-nuqqas ta' provi kuntrarji, din il-Qorti ma ssib xejn censurabbli mill-konkluzjoni li waslet ghaliha l-ewwel Qorti."*

F'dan ir-rigward lanqas ma sar xi kontro-ezami lill-konvenut, u ghalhekk, fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, l-Qorti qed tikkonsidra din il-verzjoni ta' l-konvenut bhala wahda veritiera u ghalhekk galadarba d-data li fiha sehh il-kagun tal-firda da parti ta' l-attrici giet stabbilita bhala l-1 ta' Jannar 1991, l-attrici mhux biss trid tirrifondi nofs is-somom li thallsu mill-komunjoni ta' l-akkwisti biex jitrangaw il-propjetajiet parafernali taghha, izda trid taghti lill-konvenut nofs l-ammonti ta' kera li hadet u zammet. B'kollox l-attrici trid tirrifondi l-konvenut s-somma ta' €20,390.

Il-konvenut min-naha tieghu zamm il-karozza msemmija mill-attrici u cioe' l-Open Nova. Din il-karozza tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti u l-attrici ghandha d-dritt li tithallas nofsha lura mill-konvenut. Ghalhekk il-Qorti se tordna *arbitrio boni viri* li l-konvenut jhallas lill-attrici s-somma ta'€1,000, rapprezentanti nofs il-valur tal-karozza.

Ghalhekk meta tnaqqas €1,000 li l-attrici ghandha tiehu minghand il-konvenut mill-ammont ta' €20,390 li l-attrici ghandha thallas lill-konvenut, irid jithallas mill-attrici l-ammont ta' €19,390 lill-konvenut.

Inoltre il-Qorti tordna li l-propjetajiet My Rest House, Palm Street, Bahar ic-Caghaq ,Garage no 15, Triq id-Duluri, Sqaq no 1, Hamrun, Ground Floor Flat, JoeSylv, San Aristarku Street, San Pawl il-Bahar, Garage GraceJan, San Aristarku Street, San Pawl il-Bahar, Plot 11A adjacent to garage no 11 in drive-in accessed from No 19, Triq is-Sikka, Bahar ic-Caghaq, Garage 66, Triq il-Kanonku Bonnici, Hamrun u Ground Floor Garage no 11, and backyard in drive-in accessed from no 19, Triq is-Sikka, Bahar ic-Caghaq ghandhom jigu stmati mill-Perit AIC Tancred Mifsud, li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop ghas-spejjez taz-zewg partijiet, u tordna li dawn il-fondi jinbieghu fuq is-suq hieles fi zmien sena, ghal prezz mhux inferjuri ghall-ammont ta' l-istima jew tal-valur konkordat bejn il-partijiet; u, fin-nuqqas, il-post jinbiegh taht l-Awtorita' tal-Qorti u r-rikavat jinqasam kif gej: billi l-konvenut jircievi s-somma ta' dsatax il-elf, tlett mija u disghin Ewro u l-bilanc rimanenti jigi maqsum ugwalment bejn il-partijiet. Il-mobbli li jinsabu f'dawn il-propjetajiet ghandhom jinbieghu flimkien mal-fondi illi fihom jinsabu u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

**<u>Manteniment</u>**

Illi ebda manteniment m'hu dovut lill-attrici minghand il-konvenut, stante dekadenza.

**<u>Decide</u>**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:

1. Tilqa' limitatament l-ewwel talba attrici, tichad it-tieni talba attrici u tilqa' t-tieni u r-raba eccezzjoni tal-konvenut, billi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan ghal ragunijiet imputabbli lill-attrici u tiddikjara li l-attrici kienet tahti unikament ghat-tkissir taz-zwieg bejn il-partijiet u tistabilixxi l-1 ta' Jannar 1991 bhala d-data li fiha l-attrici irrendiet ruhha responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg u tapplika fil-konfront ta' l-istess attrici l-Artikolu 48 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tilqa' t-tielet u r-raba' talbiet attrici u dan skond kif stabbilit fis-sezzjoni ta' din is-sentenza intestata, *"Dwar it-talba ghax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti"*;

3. Tichad is-sitt talba attrici;

4. Tilqa' limitatament il-hames u s-seba' talbiet u dan skond kif stabbilit fis-sezzjoni ta' din is-sentenza intestata, *"Dwar it-talba ghax-xoljiment tal-komunjoni ta' l-akkwisti"* u dan billi tiddikjara li d-dar matrimonjali St. John, Triq l-Ursolini, Gwardamangia u l-hanut Marvel, Conception Street, Hamrun huma propjetajiet li jappartjenu b'mod esklussiv lill-attrici stante li huma parafernali;

5. Tilqa' t-tmien talba attrici;

6. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tad-disa' talba.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

Ft. Dr. Abigail Lofaro
Imhallef

Ft. Rita Vella-Baldacchino
Dep. Reg.